**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 8 ta' Frar, 2018**

**Talba Nru: 130/2017PM1**

**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited (C8692)**

**Vs**

**John Vella (ID 16162(G))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 ta' Marzu, 2017 illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u disghin euro (€790) rapprezentanti l-bilanc tal-prezz tal-merkanzija mibjugha u debitament konsenjata mis-socjeta` rikorrenti lill-intimat, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 734/16 annessa bhala Dok. 003 kif ukoll bl-imghaxijiet mid-data tal-konsenja sad-data tal-effettiv pagament.

Ra d-dokument anness mal-istess avviz a sostenn tat-talba, senjatament kopja tal-ittra ufficjali datata 5 ta' Mejju, 2016 u r-referta relattiva.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-5 ta' Frar, 2018 u lanqas ghas-seduta tal-lum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tal-5 ta' Frar, 2018 u fil-fatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra salv illi fir-rigward tal-imghaxijiet mitlubin, apparti l-fatt li ma tressqet ebda prova tan-natura kummercjali tal-obbligazzjoni u/jew tad-data tal-konsenja relattiva, in linea ma' dak deciz mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet '**Fogg Insurance Agencies Limited noe. et. v. Paul Tabone**' fis-17 ta' Frar, 2003 (fost ohrajn) l-imghaxijiet jiddekorru min-notifika ta` l-avviz lill-konvenut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta' attrici is-somma mitluba ta' seba' mija u disghin euro (€790) rapprezentanti bilanc tal-prezz tal-merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata mis-socjeta` rikorrenti lilu, bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tan-notifika tal-azzjoni odjerna lill-konvenut kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**